IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.2.2017
COM(2017) 88 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart għall-perjodu 2010-2012

L-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart, tad-Direttiva 86/278/KEE dwar il-ħama tad-drenaġġ, tad-Direttiva 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma, tad-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, tad-Direttiva 2002/96/KE dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE), u tad-Direttiva 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart għall-perjodu 2010-2012

1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport jipprovdi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttivi li ġejjin dwar l-iskart tul il-perjodu 2010-2012:

- Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (WFD));
- Id-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE tat-12 ta' Ġunju 1986 dwar il-protezzjoni tal-Ambjent, u b'mod partikolari tal-ħamrija, meta l-ħama tad-drenaġġ jintuża fl-agrikoltura (id-Direttiva dwar il-Ħama tad-Drenaġġ);
- Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma (id-Direttiva dwar ir-Rimi ta' Skart f'Terraferma);
- Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (id-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ);
- Id-Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (id-Direttiva WEEE);
- Id-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u li tħassar id-Direttiva 91/157/KEE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (id-Direttiva dwar il-Batteriji).

Ir-rapport huwa bbażat fuq informazzjoni li l-Istati Membri taw fit-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarji ta' implimentazzjoni. F'każijiet fejn l-Istati Membri ma tawx l-informazzjoni mitluba, ir-rapport juża sorsi disponibbli oħrajn ta' informazzjoni bħar-rapporti tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, informazzjoni mis-siti web tal-Istati Membri u tweġibiet mibgħuta għall-perjodi ta' rappurtar preċedenti. Informazzjoni dettaljata dwar l-implimentazzjoni tad-direttivi individwali tinsab fuq: http://ec.europa.eu/environment/waste/reporting/index.htm.

2. IT-TEMPESTIVITÀ U L-KWALITÀ TAR-RAPPURTAR

Mis-27 Stat Membru li għandhom l-obbligu li jirrappurtaw,[1] il-biċċa l-kbira ssottomettew tweġibiet għall-kwestjonarji ta' implimentazzjoni għad-direttivi li dan ir-rapport ikopri. L-Istati Membri jistgħu jirrispettaw aħjar l-obbligi ta' rappurtar tagħhom, billi jipprovdu r-rapporti fil-ħin, iwieġbu l-mistoqsijiet kollha u jagħtu informazzjoni kompluta. L-Anness 1 jagħti ħarsa ġenerali lejn ir-rapporti pprovduti.

Il-kwalità u l-livell ta' dettall tar-rappurtar u tal-informazzjoni pprovduta kienet tvarja b'mod konsiderevoli. Ingħataw ripetutament tweġibiet mhux ċari u vagi. Pereżempju, it-tweġibiet ta' spiss għamlu referenza biss għal-leġiżlazzjoni nazzjonali jew għal tweġibiet mogħtija f'perjodi ta' rappurtar preċedenti, mingħajr ma pprovdew informazzjoni ulterjuri dwar l-implimentazzjoni tad-direttivi fil-prattika, anki meta din kienet mitluba espliċitament.

Meta kienu mitluba jipprovdu dejta statistika u dejta dwar il-konformità mal-miri stabbiliti fid-direttivi, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għamlu referenza għar-rapporti annwali ppreżentati lill-Eurostat.[2]

3. ID-DIRETTIVA 2008/98/KE DWAR L-ISKART

L-Istati Membri kellhom jittrasponu d-Direttiva Qafas dwar l-Iskart il-ġdida sa mhux aktar tard mit-12 ta' Diċembru 2010. Fil-mument tar-rappurtar l-Istati Membri kollha kienu ttrasponewha jew kienu fil-proċess li jagħmlu dan.

Meta mqabbel mal-perjodu ta' rappurtar preċedenti, il-ġenerazzjoni ta' skart muniċipali *per capita* kienet aktar baxxa, ir-rimi ta' skart muniċipali f'radam kien naqas u r-riċiklaġġ u l-inċinerazzjoni b'irkupru ta' enerġija kienu żdiedu. Sa tmiem l-2012, minn tal-inqas nofs l-Istati Membri laħqu jew qabżu l-mira għall-2020 ta' tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' 50 % ta' skart domestiku u skart simili jew kienu mexjin sew biex jilħquha sa dak iż-żmien. Seba' Stati Membri rrappurtaw li sal-2012 kienu diġà laħqu jew qabżu dik il-mira. Seba' Stati Membri oħra rrappurtaw li kienu ħejjew għal użu mill-ġdid u rriċiklaw aktar minn 40 % ta' skart domestiku u skart simili.

Għadd ta' Stati Membri ppreżentaw dejta dwar ir-rati tal-irkupru ta' skart mill-kostruzzjoni jew id-demolizzjoni għall-2010-2012. Erbatax-il Stat Membru rrappurtaw li kienu diġà laħqu jew qabżu l-mira ta' rkupru ta' 70 % tal-iskart mill-kostruzzjoni jew id-demolizzjoni.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ppubblikaw programmi ta' prevenzjoni tal-iskart. Tmien Stati Membri kienu għadhom qed jaġġornaw il-pjanijiet ta' maniġġar tal-iskart tagħhom f'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart. L-Istati Membri inkorporaw il-prinċipji ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi, awtosuffiċjenza u viċinanza u l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, flimkien mar-rekwiżiti tat-TEEP,[3] fil-leġiżlazzjoni u l-politika nazzjonali.

---

1 Il-Kroazja saret Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (UE) fl-1 ta' Lulju 2013. Għaldaqstant ma kinitx obbligata timplimenta dawn id-direttivi matul il-perjodu ta' rappurtar. Madankollu, hija ppreżentat it-tweġibiet għall-Kwestjonarji ta' Implimentazzjoni 2010-2012 għad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, id-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Imballaġġ mill-Iskart u d-Direttiva dwar il-Ħama tad-Drenaġġ u l-informazzjoni pprovduta hija inkluża f'dan ir-rapport.

2 http://ec.europa.eu/eurostat/web/environment/waste/database.

3 Jiġifieri *l-iskart għandu jinġabar separatament jekk dan ikun teknikament, ambjentalment u ekonomikament prattikabbli (l-Artikolu 10 tad-WFD).*

Hemm nuqqasijiet sinifikanti fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart għall-immaniġġar tal-iskart f'numru ta' Stati Membri, li fil-biċċa l-kbira għadhom iserrħu fuq ir-rimi ta' skart muniċipali fir-radam. Il-Kummissjoni żviluppat pariri mmirati dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri speċifiċi u l-użu ta' fondi Ewropej biex tgħin lil dawn l-Istati Membri jtejbu l-immaniġġar tal-iskart tagħhom.[4]

4. ID-DIRETTIVA 86/278/KEE DWAR IL-ĦAMA TAD-DRENAĠĠ

Id-Direttiva dwar il-Ħama tad-Drenaġġ ilha fis-seħħ għal kważi tliet deċennji u l-implimentazzjoni tagħha tibqa' mhux problematika. Ftit inbidel mill-perjodu ta' rappurtar preċedenti.

Matul il-perjodu ta' rappurtar mhux l-Istati Membri kollha użaw il-ħama tad-drenaġġ għal finijiet agrikoli. F'xi Stati Membri hemm ftit jew xejn użu agrikolu tal-ħama. Stat Membru wieħed irrapporta li beda juża l-ħama tad-drenaġġ għal finijiet agrikoli.

L-Istati Membri kollha implimentaw infrastruttura għat-trattament tal-ħama u rappurtaw dwar il-metodi tat-trattament tal-ħama tad-drenaġġ qabel ma tiġi applikata fl-art.

Il-prestazzjoni tal-Istati Membri tvarja bil-kbir fir-rigward tar-rekwiżit li jiġu stabbiliti frekwenzi għall-ittestjar tal-ħamrija li fuqha tintuża l-ħama. Xi Stati Membri stipulaw żminijiet li fihom għandha tiġi analizzata l-ħamrija wara l-applikazzjonijiet inizjali ta' ħama. Stati Membri oħra stabbilixxew frekwenzi twal sa 10 snin jew saħansitra 20 sena. Oħrajn ma stabbilixxewx frekwenzi u rrikjedew biss li l-ħamrija tiġi ttestjata jekk ikun mistenni li l-valuri limitu se jinqabżu.

Id-dejta li l-Istati Membri pprovdew dwar il-ħama prodotta u użata fl-agrikoltura tikkonferma li dan jibqa' wieħed mill-użi predominanti. Għalkemm il-ġenerazzjoni tal-ħama tnaqqset bi 2 % bejn l-2010 u l-2012 meta mqabbel għal bejn l-2007 u l-2009, l-Istati Membri rrappurtaw li kważi l-istess ammont ta' ħama ntuża fl-agrikoltura bħal fil-perjodu preċedenti.

Dan jikkorrispondi għal madwar 45 % tal-ammont ta' ħama prodotta.

5. ID-DIRETTIVA 1999/31/KE DWAR IR-RIMI TA' SKART F'TERRAFERMA

Id-Direttiva dwar ir-Rimi ta' Skart f'Terraferma ilha fis-seħħ għal żmien twil u ftit sar tibdil mill-perjodu ta' rappurtar preċedenti.

L-Istati Membri ħadu miżuri biex jimminimizzaw jew jeliminaw ir-rimi ta' skart f'terraferma. Ir-rimi ta' skart muniċipali f'terraferma fl-UE-27 naqas minn total ta' 96 055 miljun tunnellata/193 kg *per capita* fl-2009 għal total ta' 78 036 miljun tunnellata/152 kg *per capita* fl-2012. Ir-rata medja ta' rimi ta' skart f'terraferma tal-iskart totali ġġenerat naqset għal 32 % fl-2012. Xi Stati Membri rrappurtaw rati ta' rimi ta' skart muniċipali f'terraferma taħt il-5 % fl-2012. F'għadd ta' Stati Membri, madankollu, ir-rimi ta' skart f'terraferma xorta għadu l-operazzjoni ta' trattament tal-iskart muniċipali predominanti, b'rati ta' rimi ta' skart f'terraferma ta' aktar minn 80 % tal-iskart totali ġġenerat. Dawn l-Istati Membri għandhom ħafna x'jagħmlu biex inaqqsu r-rimi ta' skart f'terraferma.

[4] http://ec.europa.eu/environment/waste/framework/support_implementation_1st_phase.htm.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrappurtaw tnaqqis ta' sena b'sena ta' rimi ta' skart f'terraferma ta' skart muniċipali bijodegradabbli u ta' skart bijodegradabbli ieħor. Madankollu, il-kompletezza tad-dejta ppreżentata tvarja .

L-Istati Membri ħadu miżuri biex jipprovdu għall-ġbir, it-trattament u l-użu ta' gass tat-terraferma u biex jimminimizzaw l-inkonvenjenzi u l-perikli.

Huma ttrasponew ukoll ir-rekwiżit għall-kriterji ta' aċċettazzjoni ta' skart fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, inklużi r-rekwiżiti tekniċi bħall-monitoraġġ ta' lissija, tal-ilma tal-wiċċ, tal-ilma tal-qiegħ u ta' emissjonijiet tal-gass. Madankollu, id-dejta dwar l-infurzar prattiku ta' dawn ir-rekwiżiti mill-operaturi tat-terraferma mhux dejjem kienet ipprovduta.

Ħmistax-il Stat Membru rrappurtaw li l-miżbliet ta' skart perikoluż kollha tagħhom jirrispettaw ir-rekwiżiti tad-direttiva u sebgħa rrappurtaw li għad għandhom miżbliet mhux konformi. Ħdax-il Stat Membru rrappurtaw li l-miżbliet ta' skart mhux perikoluż kollha huma konformi mad-direttiva u 10 Stati Membri rrappurtaw li kien għad għandhom terraferma mhux konformi. Għaxar Stati Membri rrappurtaw li l-miżbliet ta' skart inert kollha huma konformi mad-direttiva u tmien Stati Membri rrappurtaw li kien għad għandhom miżbliet bħal dawn mhux konformi.

In-numru ta' miżbliet mhux konformi li għadhom qed jintużaw għal kull fluss ta' skart (perikoluż, mhux perikoluż u inert) għadu kwistjoni ta' tħassib f'ċerti Stati Membri. Dan kien ukoll il-każ fil-perjodu ta' rappurtar preċedenti. Għad fadal ħafna xi jsir biex tiġi indirizzata l-problema.

6. ID-DIRETTIVA 94/62/KE DWAR L-IMBALLAĠĠ U L-ISKART MILL-IMBALLAĠĠ

Id-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ ilha fis-seħħ għal aktar minn għoxrin sena u ftit sar tibdil mill-perjodu ta' rappurtar preċedenti.

L-Istati Membri ħadu azzjoni biex jipprevjenu l-ġenerazzjoni ta' skart mill-imballaġġ permezz ta' varjetà ta' miżuri. Dawn jinkludu pjanijiet għall-prevenzjoni, skemi ta' responsabbiltà tal-produtturi, miżuri ta' tassazzjoni, sistemi ta' ħlas skont kemm tarmi, akkwist pubbliku ekoloġiku, kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni, ekodisinn u pjanijiet ta' azzjoni għall-industriji ewlenin. Bejn l-2010 u l-2012, l-ammont u l-kompożizzjoni tal-imballaġġ u tal-iskart mill-imballaġġ irrappurtati baqgħu stabbli, fejn l-ammont rappurtat ta' skart mill-imballaġġ iġġenerat fl-UE-27 żdied b'0,16 % matul dak il-perjodu.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ħadu varjetà ta' miżuri biex iħeġġu l-użu mill-ġdid. Dawn jinkludu sistemi ta' depożitu u ritorn għal tipi speċifiċi ta' imballaġġ, miżuri ta' tassazzjoni, obbligi li l-prodotti jiġu offruti f'imballaġġ li jista' jerġa' jintuża, il-promozzjoni tal-użu mill-ġdid fil-pjanijiet tal-iskart u miżuri ta' prevenzjoni tal-iskart, u miżuri ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni. Xi Stati Membri introduċew, jew qed jippjanaw li jintroduċu, sistemi ġodda ta' rifużjoni ta' depożitu.

Il-maġġoranza kbira tal-Istati Membri laħqu l-miri għall-irkupru u r-riċiklaġġ globali tal-iskart mill-imballaġġ u l-miri ta' riċiklaġġ speċifiċi għall-materjal.

B'mod ġenerali, il-prestazzjoni tal-Istati Membri tjiebet kemxejn fir-rigward tal-irkupru (minn 76,3 % fl-2010 għal 78,5 % fl-2012) u r-riċiklaġġ (minn 63,3 % fl-2010 għal 64,6 % fl-2012).

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jobbligaw lill-produtturi jiġbru l-iskart mill-imballaġġ għal irkupru u riċiklaġġ. Il-produtturi tal-imballaġġ jissodisfaw l-obbligi tagħhom billi jistabbilixxu l-iskemi ta' teħid lura proprji tagħhom jew billi jieħdu sehem fi skema li tkopri r-ritorn, il-ġbir, l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ jew irkupru ieħor ta' skart mill-imballaġġ. Xi Stati Membri għamlu progress billi espandew l-iskemi kollettivi eżistenti għall-immaniġġar tal-iskart mill-imballaġġ jew billi stabbilixxew skemi ta' ritorn addizzjonali u billi żiedu n-numru ta' skemi kollettivi ta' konformità għall-iskart mill-imballaġġ.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrappurtaw l-eżistenza ta' standards nazzjonali għal-livelli ta' konċentrazzjoni massimi ta' metalli tqal fl-imballaġġ. Abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/292 KE tal-24 ta' Marzu 2009, tinsab fis-seħħ deroga għall-kaxex tal-plastik u l-palits tal-plastik mil-livelli ta' konċentrazzjoni ta' metalli tqal stabbiliti fid-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ. Minkejja l-obbligu li jsir rapport dwar il-funzjonament tas-sistema prevista f'din id-Deċiżjoni u dwar il-progress li sar fl-eliminazzjoni gradwali tal-kaxex tal-plastik u tal-palits tal-plastik b'konċentrazzjoni għolja wisq ta' metalli tqal, l-ebda Stat Membru ma pprovda xi informazzjoni dwar dan.

7. ID-DIRETTIVA 2002/96/KE DWAR SKART TA' TAGĦMIR ELETTRIKU U ELETTRONIKU (WEEE)

L-eżerċizzju ta' rappurtar attwali jkopri d-Direttiva WEEE l-antika. Id-Direttiva 2012/19/UE minn dak iż-żmien issostitwietha.

L-Istati Membri kollha stabbilixxew sistemi ta' ġbir u introduċew miżuri dwar it-trattament mhux ta' ħsara għall-ambjent tad-WEEE u tal-miżuri li jiżguraw il-finanzjament mill-produtturi tal-ġbir, it-trattament, l-irkupru u r-rimi mhux ta' ħsara għall-ambjent tad-WEEE minn djar privati. Huma introduċew ukoll miżuri biex jiżguraw li l-produtturi jipprovdu lill-konsumaturi u lill-faċilitajiet tat-trattament tad-WEEE b'informazzjoni rilevanti.

Bejn l-2010 u l-2012 kien miġbur, użat mill-ġdid/riċiklat u rkuprat aktar WEEE milli matul il-perjodu ta' rappurtar preċedenti.

L-ammont ta' WEEE miġbur minn djar privati mal-UE-27 kollha żdied minn 2,97 miljun tunnellata sa tmiem l-2009 għal 3,02 miljun tunnellata sa tmiem l-2012. Matul dan il-perjodu, 17-il Stat Membru laħqu l-mira ta' ġbir ta' 4 kg għal kull abitant ta' WEEE minn djar privati.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri laħqu l-miri tad-direttiva speċifiċi għal kategorija għall-użu mill-ġdid/riċiklaġġ u l-irkupru, fejn ir-rati tjiebu matul il-perjodu ta' rappurtar. L-ogħla rati kienu rappurtati għal tagħmir tal-konsumatur u apparat domestiku żgħir. Fir-rigward tat-tagħmir tal-konsumatur, 26 Stat Membru laħqu l-mira ta' 65 % ta' użu mill-ġdid/riċiklaġġ u l-mira ta' rkupru ta' 75 %. Dawn l-Istati Membri laħqu wkoll il-mira ta' 50 % ta' użu mill-ġdid/riċiklaġġ u l-mira ta' rkupru ta' 70 % għall-apparat domestiku. In-numru ta' Stati Membri li laħqu dawn il-miri kien kemxejn ogħla milli kien fil-perjodu ta' rappurtar preċedenti, għalkemm il-lista ta' Stati Membri tinbidel ma' kull kategorija ta' WEEE. In-numru ta' Stati Membri li laħqu l-miri speċifiċi għal kategorija għal użu mill-ġdid u riċiklaġġ naqas kemxejn għal ftit kategoriji biss ta' WEEE.[5]

[5] Fl-2009, 26 Stat Membru laħqu l-miri għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' skart ta' għodda elettrika u elettronika. Fl-2012, 25 Stat Membru laħqu dawn il-miri. Fl-2009, 24 Stat Membru laħqu l-miri għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' skart ta' lampi bi skariku ta' gass. Fl-2012, 23 Stat Membru laħqu dawn il-miri.

8. ID-DIRETTIVA 2006/66/KE DWAR BATTERIJI U AKKUMULATURI

Din kienet l-ewwel darba li l-Istati Membri kienu mitluba jirrappurtaw lill-Kummissjoni dwar id-Direttiva dwar il-Batteriji. Għaldaqstant mhux possibbli li jsir tqabbil mal-perjodu ta' rappurtar preċedenti.

L-Istati Membri kollha ttrasponew ir-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-Batteriji fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri stabbilixxew skemi ta' ġbir għall-batteriji u l-akkumulaturi fil-perjodu ta' rappurtar u xi wħud irrappurtaw li kienu għadhom qed irendu dawn l-iskemi kompletament operattivi. L-Istati Membri għandhom fis-seħħ miżuri għat-trattament u r-riċiklaġġ ta' skart ta' batteriji u akkumulutari.

L-Istati Membri rrappurtaw li kienu stabbilixxew firxa ta' miżuri biex jipprevjenu li l-iskart ta' batteriji u akkumulaturi jintbagħat f'miżbla, bħal sistemi ta' permessi u listi ta' tipi ta' skart ipprojbit milli jintrema f'miżbla. Ħdax-il Stat Membru rrappurtaw li implimentaw miżuri li jmorru lil hinn mill-obbligi tad-Direttiva. Dawn jinkludu l-imminimizzar tar-rimi ta' skart minn batteriji u akkumulaturi industrijali u tal-karozzi bħala skart muniċipali mhux magħżul, kampanji ta' sensibilizzazzjoni fl-iskejjel u l-komunitajiet u li jkunu disponibbli punti ta' ġbir għal teħid lura b'xejn.

Sas-26 ta' Settembru 2012, 20 Stat Membru kienu laħqu l-mira ta' ġbir minima ta' 25 %.

Erba' Stati Membri rrappurtaw li kienu kisbu riċiklaġġ ta' 100 % u tmien Stati Membri rrappurtaw rati bejn 50 % u 99 %.

Dsatax-il Stat Membru laħqu u/jew qabżu r-rati ta' effiċjenza ta' riċiklaġġ għal batteriji u akkumulaturi taċ-ċomb u tal-aċidu, tan-nikil u tal-kadmju u batteriji u akkumulaturi oħrajn. Żewġ Stati Membri laħqu u/jew qabżu r-rati għall-batteriji u l-akkumulaturi taċ-ċomb u tal-aċidu u batteriji u akkumulutari oħra u żewġ Stati Membri laħqu u/jew qabżuhom għall-batteriji u l-akkumulaturi taċ-ċomb u tal-aċidu biss.

Żewġ Stati Membri esportaw skart ta' batteriji u akkumulaturi lejn pajjiżi terzi. Għadd ta' Stati Membri esportawhom lejn Stati Membri oħra, xi ħaġa li l-kwestjonarju ta' implimentazzjoni ma jindirizzax kompletament. L-Istati Membri mingħajr ebda faċilità domestika ta' trattament jew riċiklaġġ esportaw il-batteriji u l-akkumulaturi miġbura kollha tagħhom. Madankollu, għadd ta' Stati Membri b'faċilitajiet domestiċi ta' trattament ukoll irrappurtaw li kienu esportaw l-iskart ta' batteriji u akkumulaturi tagħhom biex jiġi ttrattat x'imkien ieħor fl-UE.

9. KONKLUŻJONIJIET

Mhux l-Istati Membri kollha ssodisfaw l-obbligu fid-direttivi li jirrappurtaw lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tagħhom kull tliet snin. Xi wħud ma ppreżentawx it-tweġibiet tagħhom għall-Kwestjonarju ta' Implimentazzjoni 2010-2012.

It-tweġibiet ivarjaw minn dettaljati u kompluti għal xi wħud li jirreferu biss għal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrappurtaw dwar jekk kienux ġew trasposti miżuri fil-liġi nazzjonali iżda ma kkummentawx dwar jekk l-azzjonijiet kinux effettivi jew jekk kinux wasslu għal titjib fil-prattika. It-tweġibiet xi kultant kienu wkoll inkonsistenti. F'xi

Fl-2009, 26 Stat Membru laħqu l-mira għall-irkupru ta' skart ta' għodda elettrika u elettronika. Fl-2012, 25 Stat Membru laħqu dawn il-miri.

każijiet kienet nieqsa xi dejta. F'xi oħrajn, it-tweġibiet ma ppermettew l-ebda tqabbil bejn l-Istati Membri jew bejn il-prestazzjoni ta' Stat Membru fil-perjodu ta' rappurtar preċedenti u dak attwali.

F'bosta każijiet it-tweġibiet ma provdewx informazzjoni suffiċjenti għal valutazzjoni tal-istat tal-implimentazzjoni reali tad-direttivi. Pereżempju, ħafna tweġibiet sempliċiment irreferew għal-leġiżlazzjoni nazzjonali jew għal partijiet traskritti ta' testi leġiżlattivi, mingħajr ma pprovdew l-ebda informazzjoni ulterjuri dwar l-implimentazzjoni, jew irreferew biss għal tweġibiet għall-kwestjonarji ta' implimentazzjoni għal perjodi ta' rappurtar preċedenti, mingħajr ma provdew l-informazzjoni mitluba jew l-informazzjoni dwar l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni tul iż-żmien.

Bħala konklużjoni, ir-rapporti ta' implimentazzjoni triennali mħejjija mill-Istati Membri ma rriżultawx effettivi għall-verifika tal-konformità mad-direttivi, l-implimentazzjoni tagħhom u l-impatt tagħhom. L-eżerċizzju ta' rappurtar jirrikjedi wkoll ħafna riżorsi u jista' joħloq piż amministrattiv bla bżonn.

L-aktar informazzjoni oġġettiva u preċiża għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni fir-rigward tal-immaniġġar tal-iskart fl-Istati Membri kollha hija d-dejta li jridu jipprovdu kull sena dwar l-iskart iġġenerat, il-ġbir tal-iskart, ir-riċiklaġġ u l-irkupru tal-iskart, il-ġenerazzjoni u l-użu ta' miżbliet u ħama tad-drenaġġ. Għaldaqstant għandhom jagħmlu sforz akbar biex itejbu l-kwalità, l-affidabbiltà u l-kumparabbiltà ta' dik id-dejta. Dan jistgħu jagħmluh billi joħolqu parametraġġ referenzjarju għall-metodoloġiji ta' rappurtar u jintroduċu rapport ta' kontroll tal-kwalità tad-dejta, biex meta jirrappurtaw dwar il-kisba tal-miri stabbiliti fil-leġiżlazzjoni, l-Istati Membri jużaw l-aktar metodoloġija reċenti u armonizzata.

Dawn il-konklużjonijiet huma indirizzati fir-rieżami reċenti tal-politika u tal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart.[6] Fiha, il-Kummissjoni pproponiet li jitħassru d-dispożizzjonijiet li jobbligaw lill-Istati Membri jipproduċu rapporti ta' implimentazzjoni triennali u li jibbażaw il-monitoraġġ tal-konformità esklużivament fuq id-dejta statistika ta' kwalità li l-Istati Membri jridu jipprovdu lill-Kummissjoni kull sena.

[6] http://ec.europa.eu/environment/waste/target_review.htm

ANNESS 1: IT-TWEĠIBIET TAL-ISTATI MEMBRI GĦALL-KWESTJONARJI TA' IMPLIMENTAZZJONI LI RĊEVIET IL-KUMMISSJONI QABEL TMIEM L-2014

L-Istati Membri	Id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart 2008/98/KE	Id-Direttiva WEEE 2002/96/KE	Id-Direttiva dwar ir-Rimi ta' Skart f'Terrafer ma 1999/31/KE	Id-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ 94/62/KE	Id-Direttiva dwar il-Ħama tad-Drenaġġ 86/278/KEE	Id-Direttiva dwar il-Batteriji 2006/66/KE
L-Awstrija	+	+	+	+	+	+
Il-Belġju	-	+	+[7]	+	+	+
Il-Bulgarija	+	+	+	+	+	+
Il-Kroazja	+ mhux meħtieġa	Mhux meħtieġa	Mhux meħtieġa	+ mhux meħtieġa	+ mhux meħtieġa	Mhux meħtieġa
Ċipru	+	-	+	+	+	+
Ir-Repubblika Ċeka	+	+	+	+	+	+
Id-Danimarka	+	-	+	-	-	-
L-Estonja	+	+	+	+	+	+
Il-Finlandja	+	+	+	+	+	+
Franza	-	+	-	+	-	+
Il-Ġermanja	+	+	+	+	+	+
Il-Greċja	+	+	+	+	+	-
L-Ungerija	+	+	+	+	+	+
L-Irlanda	+	-	+	+	+	+
L-Italja	+	+	-	+	+	+
Il-Latvja	+	+	+	+	-	-
Il-Litwanja	+	+	+	+	+	+
Il-Lussemburgu	+	-	+	+	+	+
Malta	+	+	-	+	+	+
In-Netherlands	-	+	+	+	+	+
Il-Polonja	+	+	-	+	-	+
Il-Portugall	+	+	+	-	+	+
Ir-Rumanija	+	-	+	-	-	+
Is-Slovakkja	+	+	+	+	+	+

[7] Rapporti rċevuti mir-Reġjun tal-Vallonja u l-Fjandri, iżda mhux mir-Reġjun tal-Kapitali Brussell.


L-Istati Membri	Id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart 2008/98/KE	Id-Direttiva WEEE 2002/96/KE	Id-Direttiva dwar ir-Rimi ta' Skart f'Terrafer ma 1999/31/KE	Id-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ 94/62/KE	Id-Direttiva dwar il-Ħama tad-Drenaġġ 86/278/KEE	Id-Direttiva dwar il-Batteriji 2006/66/KE
Is-Slovenja	+	+	+	+	+	+
Spanja	+	+	+	+	+	+
L-Iżvezja	+	+	+	+	+	+
Ir-Renju Unit	+	-	+	+	+	+
UE-28: perċentwal riċevut (%)	**89 % (25/28)**	**75 % (21/28)**	**82 % (23/28)**	**89 % (25/28)**	**82 % (23/28)**	**86 % (24/28)**

	Fil-ħin: sat-30 ta' Settembru 2013
	Bejn l-1 ta' Ottubru 2013 u l-31 ta' Ottubru 2013

	Bejn l-1 ta' Novembru 2013 u l-31 ta' Diċembru 2014
	Ma ġie riċevut l-ebda rapport qabel il-31 ta' Diċembru 2014


ANNESS 2: IL-ĠENERAZZJONI U T-TRATTAMENT TAL-ISKART

Skart muniċipali ġġenerat għal kull Stat Membru (eluf ta' tunnellati)




Sors: EUROSTAT (kodiċi ta' dejta onlajn: t_env_wasst)

It-trattament tal-iskart muniċipali għal kull Stat Membru (2012)



Sors: EUROSTAT (kodiċi ta' dejta onlajn: t_env_wasst)

L-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' skart domestiku għal kull Stat Membru



Sors: Id-dejta pprovduta mill-Istati Membri lill-Kummissjoni Ewropea fil-Kwestjonarji ta' Implimentazzjoni 2010-2012 jew lill-EUROSTAT bl-użu tal-portal EDAMIS

It-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' skart domestiku - il-metodu ta' kalkolu

Stat Membru		Ir-rati ta' tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' skart domestiku		
	Il-metodu ta' kalkolu li l-Istat Membru uża:[8]	2010	2011	2012
L-Awstrija	2	79 %	-	79 %
Il-Belġju	3	58 %	59 %	57 %
Il-Bulgarija	3	29 %	32 %	-
Il-Kroazja	2	-	15 %	-
Ċipru	2	20.3 %	22.4 %	-
Ir-Repubblika Ċeka	2	38 %	50 %	46 %
Id-Danimarka	1	-	-	53 %
L-Estonja	2	-	27 %	27 %
Il-Finlandja	4	33 %	35 %	33 %
Franza	2	-	59 %	-
Il-Ġermanja	4	63 %	63 %	-
Il-Greċja	-	-	-	-
L-Ungerija	2	34 %	40 %	-
L-Irlanda	1	53 %	45 %	44 %
L-Italja	2	37 %	39 %	41 %
Il-Latvja	4	16 %	18 %	18 %
Il-Litwanja	2	37 %	43 %	42 %
Il-Lussemburgu	3	51 %	50 %	-
Malta	1	-	23 %	24 %
In-Netherlands	2	48 %	48 %	48 %
Il-Polonja	2	-	-	18 %
Il-Portugall	2	19 %	19 %	22 %
Ir-Rumanija	-	-	-	-
Is-Slovakkja	3	9 %	13 %	13 %
Is-Slovenja	4	22 %	34 %	-

[8] Commission Decision of 18 November 2011 establishing rules and calculation methods for verifying compliance with the targets set in Article 11(2) of Directive 2008/98/EC of the European Parliament and of the Council (2011/753/EU) (OJ L 310/11).


Stat Membru		Ir-rati ta' tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' skart domestiku		
	Il-metodu ta' kalkolu li l-Istat Membru uża:[8]	2010	2011	2012
Spanja	4	29 %	27 %	-
L-Iżvezja	2	62 %	-	-
Ir-Renju Unit	3	40 %	43 %	44 %
Noti:	Sabiex tkun verifikata l-konformità mal-mira skont l-Artikolu 11(2)(a) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, id-Deċiżjoni 2011/753/UE[9] tippermetti li l-Istati Membri jużaw erba' metodi ta' kalkolu differenti biex jirrappurtaw ir-rati ta' użu mill-ġdid u ta' riċiklaġġ għall-iskart domestiku. Id-differenza bejn il-metodi ta' kalkolu hija relatata mat-tipi ta' skart li kull wieħed ikopri, kif ġej. • Metodu 1: skart domestiku ta' karti, metall, plastik u ħġieġ. • Metodu 2: skart ta' karti, metall, plastik u ħġieġ u flussi oħra ta' skart magħmula minn materjal wieħed ta' skart domestiku u ta' fluss ta' skart simili. • Metodu 3: skart domestiku. • Metodu 4: skart muniċipali.			

Sors: Id-dejta pprovduta mill-Istati Membri lill-Kummissjoni Ewropea fil-Kwestjonarji ta' Implimentazzjoni 2010-2012 jew lill-EUROSTAT bl-użu tal-portal EDAMIS.10

9 Commission Decision of 18 November 2011 establishing rules and calculation methods for verifying compliance with the targets set in Article 11(2) of Directive 2008/98/EC of the European Parliament and of the Council (2011/753/EU) (OJ L 310/11).

10 ARGUS (2014), *Compliance Reporting on Waste Framework Directive — Recycling and Recovery Rates for 2010, 2011 and 2012: Report on the validation of household waste data (draft)*, December 2014.

L-irkupru ta' skart mill-kostruzzjoni u d-demolizzjoni (C&D, construction and demolition) għal k Stat Membru



Sors: Id-dejta pprovduta mill-Istati Membri lill-Kummissjoni Ewropea fil-Kwestjonarji ta' Implimentazzjoni 2010-2012 jew lill-EUROSTAT bl-użu tal-portal EDAMIS.[11]

[11] ARGUS (2014) *Compliance Reporting on Waste Framework Directive — Recycling and Recovery Rates for 2010, 2011 and 2012: Report on the validation of construction and demolition waste data (draft)*, October 2014.

ANNESS 3: ĦAMA TAD-DRENAĠĠ

L-ammonti ta' ħama prodotta u użata fl-Istati Membri, 2010-2012

	Ammonti ta' ħama prodotta mill-impjanti tal-ilma mormi, materja niexfa (tunnellati/sena)			Ammonti ta' ħama użata fl-agrikoltura		
	2010	**2011**	**2012**	**2010**	**2011**	**2012**
L-Awstrija*	117 471	119 069	34 798	33 076	113 248	13 029
Il-Bulgarija	49 757	51 388	59 261	13 644	17 561	21 241
Il-Kroazja	21 315	18 570	19 457	546	681	954
Ċipru	7 083	6 815	6 533	5 294	3 912	2 756
Ir-Repubblika Ċeka	162 724	163 739	162 217	27 253	20 562	35 542
Id-Danimarka	131 900	l-ebda dejta	l-ebda dejta	79 140	l-ebda dejta	l-ebda dejta
L-Estonja	27 950	27 780	22 796	14 100	16 030	12 536
Il-Finlandja	142 700	140 900	l-ebda dejta	7 500	3 800	l-ebda dejta
Franza	1 127 039	1 094 836	1 124 363	779 609	790 780	787 300
Il-Ġermanja	1 774 793	1 836 952	1 742 920	610 249	600 270	580 031
Il-Greċja	103 866	90 655	89 978	270	180	9 358
L-Ungerija **	236 043	217 494	l-ebda dejta	24 580	22 322	l-ebda dejta
L-Irlanda	89 991	85 648	72 429	82 670	57 699	68 329
L-Italja	839 725	851 760	654 024	248 215	299 159	274 095
Il-Latvja	23 258	22 458	22 686	8 131	5 307	6 740
Il-Litwanja	67 990	65 971	l-ebda dejta	15 517	15 877	l-ebda dejta
Il-Lussemburgu	7 434	7 852	8 733	2 738	3 569	4 292
In-Netherlands	523 744	513 786	510 000	23 853	20 708	20 000
Il-Polonja	533 400	567 300	562 000	98 200	112 000	123 000
Il-Portugall	162 680	140 013	284 776	5 646	23 087	29 171

*******						
Ir-Rumanija ****	138 850	124 500	l-ebda dejta	0	0	l-ebda dejta
Is-Slovakkja	54 760	58 720	58 706	923	462	1 140
Is-Slovenja	29 996	26 808	26 171	3	0	2
Spanja	1 086 720	1 058 999	1 082 669	895 791	863 765	870 059
L-Iżvezja	211 100	214 420	207 460	49 600	44 170	48 340
Ir-Renju Unit	1 422 024	1 434 710	1 152 327	1 067 672	1 074 424	834 202

* Id-dejta għall-2011 ma tinkludix id-dejta mill-Awstrija t'Isfel.
** Mhijiex id-dejta finali peress li l-kalkolu finali tad-dejta tal-2011 għadu għaddej.
*** Intuża l-valur medju stmat ta' 20 % ta' materja niexfa.
**** Id-dejta użata għall-2007-2009.

ANNESS 4: MIŻBLA GĦALL-ISKART

Tabella 1: Numru ta' Miżbliet fl-2012

Stat Membru	Skart perikoluż	Skart mhux perikoluż	Skart inert	Skart ieħor
L-Awstrija	0	156	35	505[12]
Il-Belġju	7	31	14	1
Il-Bulgarija	8	174	3	-
Ċipru	1[13]	119	2	-
Ir-Repubblika Ċeka	26	152	62	-
Il-Kroazja	Mhux meħtieġa			
Id-Danimarka	6	52	6	0
L-Estonja	7	6	-	-
Il-Finlandja	22	90	4	-
Franza	-	-	-	-
Il-Ġermanja	76	2 643	1 742	11[14]
Il-Greċja	2	74	-	2[15]
L-Ungerija	13	72	11	-
L-Irlanda	0	36	5	45
L-Italja	-	-	-	-
Il-Latvja	1	11	-	-
Il-Litwanja	0	11	3	0

[12] Rimi ta' ħamrija mħaffra.

[13] Il-miżbla nbniet qabel ma kienet ippubblikata d-Direttiva.

[14] Ħażna taħt l-art u ħażna għal perjodu fit-tul.

[15] Skart industrijali mhux perikoluż.

Stat Membru	Skart perikoluż	Skart mhux perikoluż	Skart inert	Skart ieħor
Il-Lussemburgu	0	2	11	0
Malta	0	-	-	-
In-Netherlands[16]	22	22	22	-
Il-Polonja	-	-	-	-
Il-Portugall	2	63	4	0
Ir-Rumanija[17]	105	105	105	-
Is-Slovakkja	11	90	17	-
Is-Slovenja	2	71	14	0
Spanja	14	206	170	-
L-Iżvezja	46	108	30	0
Ir-Renju Unit	225	423	429	-
UE27:	355[18]	3 719[19]	2 362[20]	564

16 Iċ-ċifri ppreżentati min-Netherlands fil-Kwestjonarju ta' Implimentazzjoni 2010-2012 ma jagħmlux differenza bejn il-miżbliet għal skart perikoluż, skart mhux perikoluż jew skart inert.

17 Iċ-ċifri ppreżentati mir-Rumanija fil-Kwestjonarju ta' Implimentazzjoni 2010-2012 ma jiddistingwux bejn miżbliet għal skart perikoluż, skart mhux perikoluż jew skart inert.

18 Stima tal-EUROSTAT (eliminati gradwalment)

19 Stima tal-EUROSTAT (eliminati gradwalment)

20 Stima tal-EUROSTAT (eliminati gradwalment)

Tabella 2: Il-kapaċità ta' serħan tal-miżbliet għal-iskart mhux perikoluż fl-2012 (f'1 000 tunnellata j m^3)

Stat Membru	skart perikoluż	Skart mhux perikoluż	Skart inert	Skart ieħor	
L-Awstrija	0	38 900	5 300	-	
Il-Belġju	3 354 t + 607 460 m^3	8 763 t + 16 385 m^3	3 992	2 076.52	
Il-Bulgarija	3 693	235 258	1 439	0	
Ċipru	-	-	-	0	
Ir-Repubblika Ċeka	8 821	33 584	9 830	0	
Il-Kroazja	Mhux meħtieġa				
Id-Danimarka[21]	463	692	260	0	
L-Estonja	205 500	6 200	0	0	
Il-Finlandja	18 061	48 667	496	0	
Franza	-	-	-	-	
Il-Ġermanja	54 800	455 200	184 100	7 600	
Il-Greċja	1.5[22]	-	0	-	
L-Ungerija	185 kull sena	38 900	16 800	0	
L-Irlanda	-	14 500	-	-	
L-Italja	-	-	-	-	
Il-Latvja	180	16 211	0	0	
Il-Litwanja	0	1 250 kull sena	106 kull sena	0	
Il-Lussemburgu	0	1 160 127 m^3	14 593 544 m^3	0	
Malta	0	-	-	-	
In-Netherlands[23]	-	39 690 m^3	0	0	
Il-Polonja	-	-	-	-	
Il-Portugall	1 670	28 275	653	0	

[21] Huma inklużi miżbliet għal skart minerali u miżbliet għal skart imħallat.

[22] Id-dejta tirreferi għal waħda miż-żewġ siti.

[23] Iċ-ċifri ppreżentati min-Netherlands fil-Kwestjonarju ta' Implimentazzjoni 2010-2012 ma jagħmlux differenza bejn il-miżbliet għal skart perikoluż, skart mhux perikoluż jew skart inert.

Stat Membru	skart perikoluż	Skart mhux perikoluż	Skart inert	Skart ieħor	
Ir-Rumanija[24]	-	-	-	-	
Is-Slovakkja	813	8 964	-	0	
Is-Slovenja	75	6 464	609	0	
Spanja	5 130 t + 80 000 m^3	124 168 t + 53 307 000 m^3	102 254	0	
L-Iżvezja	7 050	34 726	637	0	
Ir-Renju Unit	18 545	485 174	130 024	0	
UE-27	551 120[25]	2 288 590[26]	978 550[27]		

Sors: Kwestjonarji ta' Implimentazzjoni 2010-2012 u EUROSTAT 2015.[28]

[24] Iċ-ċifri ppreżentati mir-Rumanija fil-Kwestjonarju ta' Implimentazzjoni 2010-2012 ma jiddistingwux bejn miżbliet għal skart perikoluż, skart mhux perikoluż jew skart inert.

[25] Stima tal-EUROSTAT (eliminati gradwalment)


[26] Stima tal-EUROSTAT (eliminati gradwalment)

[27] Stima tal-EUROSTAT (eliminati gradwalment)

[28] *Il-bażi ta' dejta tal-EUROSTAT.* Disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/eurostat/web/environment/waste/database. It-tabella turi d-dejta disponibbli kollha fil-ħin tal-kitba ta' dan ir-rapport.


ANNESS 5: L-IMBALLAĠĠ U L-ISKART MILL-IMBALLAĠĠ

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ iġġenerati minn kull Stat Membru (tunnellati)




Sors: EUROSTAT (kodiċi onlajn: t_env_wasst)

L-irkupru tal-iskart mill-imballaġġ għal kull Stat Membru (%)



Sors: EUROSTAT (kodiċi onlajn: t_env_wasst)


Ir-riċiklaġġ tal-iskart mill-imballaġġ għal kull Stat Membru (%)



Sors: EUROSTAT (kodiċi onlajn: t_env_wasst)

ANNESS 6: L-ISKART TA' TAGĦMIR ELETTRIKU U ELETTRONIKU


L-ammont totali ta' WEEE miġbur minn djar privati għal kull Stat Membru (kg *per capita*)



Sors: EUROSTAT (kodiċi onlajn: env_waselee)


ANNESS 7: BATTERIJI U AKKUMULATURI

Ġbir ta' skart ta' batteriji u akkumulaturi għal kull Stat Membru (%)[29]



Sors: Id-dejta pprovduta mill-Istati Membri lill-Kummissjoni Ewropea (KE, 2014)

L-effiċjenza fir-riċiklaġġ tal-iskart ta' batteriji u akkumulaturi għal kull Stat Membru (%)[30]



Sors: Id-dejta pprovduta mill-Istati Membri lill-Kummissjoni Ewropea (KE, 2014)

[29] Għal finijiet kumparattivi, ir-rati ta' ġbir huma kkalkulati bħala rata perċentwali medja mal-firxa ta' tipi ta' batteriji.

[30] L-aktar sena ta' dejta reċenti ntużat għal kull Stat Membru biex tintwera l-effiċjenza fir-riċiklaġġ mal-firxa ta' tipi ta' batteriji bejn l-2010 u l-2012.